# BIS·SENS!

## L-OBJETTIV TAL-LOGĦBA

It-tim tiegħek irid jasal l-ewwel fuq il-kaxxa **TMIEM** u jagħmel l-aħħar attività b'suċċess biex jirbaħ.

## QABEL TIBDA

Din il-logħba tintlagħab bejn żewġ sa erba' timijiet ta' mill-anqas żewġ plejers f'kull tim.

Kull tim jingħata pedina li titpoġġa fuq il-kaxxa **IBDA**.

Il-pakketti tal-kards jitpoġġew fl-ispazju provdut ġot-trej tal-kaxxa.

## KIF TILGĦAB

It-tim bil-plejer li se jagħlaq sninu l-ewwel jibda.

Jekk it-tim tiegħek ikun fuq il-kaxxa **IBDA**, jiġbor kard mill-mazz li jrid.

Jekk it-tim tiegħek ikun fuq maduma bil-kulur, jiġbor kard mill-mazz tal-istess kulur.

Jekk it-tim tiegħek ikun fuq maduma tal-mistoqsija ?, jiġbor kard mill-mazz li jrid.

Jekk it-tim tiegħek ikun fuq il-kaxxa **TMIEM**, it-timijiet l-oħra jagħżlulek kard minn mazz li jridu.

Hekk kif tinġabar il-kard tal-attività, jibda l-ħin. Jekk it-tim tiegħek ilesti l-attività b'suċċess fil-ħin, jista' jwaddab id-dada u jmexxi jew jilgħab skont il-wiċċ tad-dada. Jekk le, jibqa' fejn qiegħed u jerġa' jipprova meta jerġa' jmissu.

It-tim li jmiss, jilgħab wara li t-tim tiegħek ikun lagħab kard waħda.

## KIF TIRBAĦ

Meta t-tim tiegħek jasal fuq il-maduma **TMIEM**, irid jieqaf hemm, iġib kemm iġib fuq id-dada. Meta t-tim tiegħek jerġa' jmissu jilgħab, it-timijiet l-oħra jagħżlulkom kard mill-mazz li jridu u jekk ittemmu l-attività b'suċċess, tirbħu.

## IL-KARDS

Bis-Sens! tinkludi erba' mazzi kards b'attivitajiet differenti. Kull mazz fih erba' tipi ta' attivitajiet. Il-kards fihom ir-risposta (fejn hu applikabbli) fuq wara tal-mazz.

## TPINĠIJA

Il-plejer li jiġbor il-kard mill-mazz irid ipinġi (bla ma jagħti għajnuniet oħrajn) u l-plejers l-oħrajn tal-istess tim iridu jaqtgħu x'qed ipinġi. L-istampi fuq il-kards jistgħu jkunu ta' għajnuna, iżda l-plejer huwa liberu li jpinġi kif jixtieq hu.

### PINĠI

Plejer **A** jiġbor kard mill-mazz u jpinġi fuq karta filwaqt li l-plejers l-oħrajn tal-istess tim iridu jaqtgħu x'qed ipinġi plejer **A**.

### PINĠI MGĦAMMAD

Filwaqt li xi ħadd minn tim ieħor jgħatti għajnejn plejer **A** wara li jkun ġabar u qara l-kard, plejer **A** jpinġi fuq karta waqt li l-plejers l-oħrajn tal-istess tim iridu jaqtgħu x'qed ipinġi.

### PINĠI FUQ DAHAR SIEĦBEK

Din l-attività tintlagħab bejn żewġ plejers tal-istess tim. Plejer **A** jiġbor kard mill-mazz u jpinġi fuq dahar plejer **B** filwaqt li plejer **B** irid jaqta' x'qed ipinġi plejer **A**.

### PINĠI B'ID SIEĦBEK

Plejer **A** jiġbor kard mill-mazz u b'id plejer **B** ipinġi fuq karta filwaqt li l-plejers l-oħrajn (inkluż plejer **B**) iridu jaqtgħu x'qed ipinġi plejer **A**.

## REĊTAR

Il-plejer li jiġbor il-kard mill-mazz irid jirreċta (bla ma jagħmel ħsejjes) jew jiħħammja u l-plejers l-oħrajn tal-istess tim iridu jaqtgħu x'qed jagħmel.

### IRREĊTA

Plejer **A** jiġbor kard mill-mazz u jirreċta l-kelma jew frażi filwaqt li l-plejers l-oħrajn tal-istess tim iridu jaqtgħu x'qed jirreċta plejer **A**.

### STATWA

Plejer A jiġbor kard u jpoġġi lil plejer B f'pożizzjoni bħal statwa filwaqt li l-plejers l-oħrajn (inkluż plejer B) iridu jaqtgħu x'qed jipprova jirrappreżenta plejer A bi plejer B.

### IRREĊTA L-OPPOST

Plejer A jiġbor kard u jirreċta l-oppost ta' dak li hemm miktub fil-kard filwaqt li l-plejers l-oħrajn tal-istess tim iridu jaqtgħu x'qed jipprova jirreċta plejer A.

### IĦĦAMMJA D-DISKA

Plejer A jiġbor kard mill-mazz u jrid jiħħammja d-diska miktuba fil-kard filwaqt li l-plejers l-oħrajn tal-istess tim iridu jaqtgħu d-diska li qed jiħħammja plejer A.

## IL-LINGWA MALTIJA

### ĦAĠA MOĦĠAĠA

Plejer A jiġbor kard mill-mazz u jaqra l-ħaġa moħġaġa mill-kard filwaqt li l-plejers l-oħrajn tal-istess tim iridu jaqtgħu x'inhi.

### QWIEL U IDJOMI

Plejer A jiġbor kard mill-mazz u jrid jaqra parti mill-qawl jew l-idjoma tal-kard. Il-plejers l-oħrajn tal-istess tim iridu jgħidu l-parti l-oħra tal-qawl jew l-idjoma.

### SPELLU FLIMKIEN

Plejer A jiġbor kard mill-mazz u wara li jaqra l-kelma, il-plejers kollha tat-tim inkluż plejer A jridu jispellu l-kelma sħiħa billi kull plejer jgħid ittra waħda, wieħed wara l-ieħor, biex flimkien jiffurmaw il-kelma li jkun qara plejer A.

### GRAMMATIKA

Plejer A jiġbor kard mill-mazz u skont il-kard irid jew jistaqsi l-mistoqsija marbuta mal-grammatika tal-Malti jew inkella juri l-kard bl-anagramma fuqha filwaqt li l-plejers l-oħrajn tal-istess tim iridu jwieġbu l-mistoqsija jew jgħidu tajjeb il-kelma tal-anagramma.

## TAGĦRIF

### DOMANDA U RISPOSTA

Plejer A jiġbor kard mill-mazz u jaqra d-domanda mill-kard filwaqt li l-plejers l-oħrajn tal-istess tim iridu jagħtu t-tweġiba t-tajba.

### VERU JEW FALZ

Plejer A jiġbor kard mill-mazz u jaqra s-sentenza mill-kard filwaqt li l-plejers l-oħrajn tal-istess tim iridu jgħidu jekk dak il-fatt hux veru jew falz.

### X'HEMM FL-ISTAMPA

Plejer A jiġbor kard mill-mazz u juri l-kard bl-istampa lill-plejers l-oħrajn tal-istess tim u huma jridu jagħrfu u jgħidu x'hemm fl-istampa.

### AGĦŻEL IT-TAJBA

Plejer A jiġbor kard mill-mazz u jaqra d-domanda u t-tliet għażliet mill-kard filwaqt li l-plejers l-oħrajn tal-istess tim iridu jagħżlu t-tweġiba t-tajba.

## ID-DADA

Id-dada fiha sitt uċuħ.

| | |
|---|---|
| 1 | imxi pass wieħed 'il quddiem |
| 2 | imxi żewġ passi 'l quddiem |
| 3 | imxi tliet passi 'l quddiem |
| 0 | ibqa' fejn int (timxix passi) |
| -2 | mexxi wieħed mit-timijiet l-oħra żewġ passi lura |
| 1-3 | imxi minn pass sa tliet passi 'l quddiem skont kif jaqbillek |




Din il-logħba ddisinjata fuq idea ta' Malcolm Ricci. Nirringrazzjaw lis-Sur Stephen Mifsud tar-ritratt ta' widnet il-baħar u lis-Sur Guido Bonett tar-ritratt tal-qabru.